



# Is-Surmast Ġużeppi Abdilla

**Dr Ray Mangion** **B.A. (Hons.), M.A. (History), LL.D., D.Phil (Oxon.)**

L-arkivju mużikali tassew għani u mżewwaq tal-Każin Banda San Filep fis-sede majestuża tas-soċjetà huwa miżgħud b'partituri ffirmati mill-aqwa kompożituri Maltin u barranin. Huwa depożitarju importanti ta' għadd ta' spartiti tabilħaqq rari jew minsuġin minn ġenji li jiġbdu l-attenzjoni ta' kull min għandu għal qalbu r-retaġġ kulturali ta' pajjiżna.

L-arkivju huwa mogħni b'kollezzjoni rikka ta' kull ġeneru. Wieħed jinnota bosta xogħlijiet li ħarġu minn idejn mużikanti lokali li ma tantx għadhom jissemmew daqskemm wieħed jistenna. L-arkivju għadu sa llum jikkonserva b'għożża kbira marċ funebru bl-isem 'Good Friday', li ma jidhirx li qatt indaqq, li l-firmatarju tiegħu kien is-Surmast tal-Mużika Ġużeppi Abdilla.

Is-Surmast tal-Mużika Ġużeppi Abdilla twieled il-Furjana fis-6 ta' Diċembru 1871. Huwa kien iben Karlu Abdilla u Marijanna mwielda Borg. Huwa kien mgħammed mill-Wisq Reverendu Paskal Buhaġar, Viċi-Kappillan tal-knisja parrokkjali tal-Furjana fis-7 ta' Diċembru, 1871. Huwa ngħata l-ismijiet ta' "Ġużeppi, Nikola, Ambroġ, Anton, Publju". Il-parrini tiegħu kienu Vinċenzo Abdilla u martu Giovanna.

Robbie Mifsud Bonnici, biografu nazzjonali fuq personalitajiet Maltin u Għawdxin prominenti ta' kull żmenijiet, li kien l-ewwel li ppubblika informazzjoni qasira fuq ħajjet is-Surmast tal-Mużika Ġużeppi Abdilla, jgħid li Ġużeppi twieled fis-sena "1886" ġewwa "l-Furjana". Referenzi iktar reċenti li kkupjaw id-dati anagrafiċi ta' Ġużeppi minn Mifsud Bonnici, itennu l-istess sena "1886" bħala dik tat-twelid tiegħu kif ukoll il-Furjana bħala belt twelidu. Difatti, Ġużeppi Abdilla twieled 16-il sena qabel id-data li jagħti Mifsud Bonnici. Fl-1886, Ġużeppi Abdilla ieħor kien twieled fil-Furjana iżda dan meta kiber f'ħajtu sar naġġar.

Ġużeppi Abdilla, is-Surmast tal-mużika, magħruf aħjar bħala "Ġużè", kien il-fustani fost seba' aħwa. Ħutu l-oħrajn kienu Karmnu, Anġlu, Ċensa, Ċensu, Elena kif ukoll Ġanni. Oħtu Elena żżewwġet lis-Surmast tal-Kappella Rikkardu Bugeja li allura kien jiġi silfu u bis-saħħa tar-rabta miegħu kellu qrubija biż-żwieġ mad-dinastija mużikali ta' Bugeja. Ġużeppi kellu lil ħuħ Anġlu li kien għalliem tal-pjanu u b'riħet t'hekk kien ukoll fil-mużika.

Ġużeppi tgħallem skola mill-inqas. Madanakollu, huwa kien dotat b'talent kbir mużikali u artistiku. Huwa fittex li jitgħallem it-teorija tad-don li Alla għoġbu jżejnu bih taħt żewġ ċelebritajiet mużikali ta' żmienu li kienu s-Surmast Ġiuseppe Emmanuele Bonavia u s-Surmast Paolino Vassallo. Probabilment, Abdilla kien l-aqwa alljev fost l-istudenti kollha li kienu intensivament imħarrġin taħt Bonavia. Ġużeppi spikka fuqnett fil-lista ta' l-aqwa kompożituri u Maestri di Cappella ta' żmienu u li ddominaw il-mużika Maltija fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Ġużeppi baqa' jissemma speċjament bħala kuntrappunist ta' intelliġenza u abbiltà straordinarja.

Ġużeppi kien raġel mill-iktar umli u kwiet. Huwa kien l-għalliem ta' wħud mill-aqwa kompożituri u diretturi mużikali tal-ġenerazzjonijiet ta' warajh fosthom neputih Ċensinu Bugeja, Ninu Azzopardi, Wistin Camilleri, Ġużeppi Camilleri, Lorenzo Galea u oħrajn.

Huwa għallem l-armonija lil neputih Ċensinu għal tnax-il sena sħaħ sa minn meta dan ta' l-aħħar kellu disa' snin. Ġużeppi kellu biex jiftaħar iżda żamm fommu sieket.

Huwa niseġ għadd ta' xogħlijiet mużikali. Rimarkevolment, madanakollu, ismu qajla jidher fuq il-partituri mużikali. Huwa kważi qatt ma ffirma spartit. Il-kompożizzjonijiet klassiċi tiegħu kienu mitbugħin taħt ismijiet ta' kompożituri oħrajn jew inkella mingħajr isem ta' xejn. Huwa baqa' figura ferm inqas magħrufa minn dik ta' ġenji mużikali oħrajn fi ġrajjet Malta sewwasew għaliex huwa kien jippreferi l-anonimità.

Huwa kien laħaq l-erbgħin sena tiegħu meta qiegħed f'moviment wieħed il-famuż 'Dixit Dominu' tas-Surmast Vincenzo Bugeja bil-għan li jkun jaqbel mar-riformi li kienu seħħew f'Malta skond Motu Proprio li kien ixxandar mill-Papa Piju X. Reverend Dun Salv Galea, Dumnikan, reġa' għamel ri-adattament tax-xogħol għal kor imħallat. Skond Ulderico Rolandi, Ġużeppi Abdilla kkompona xogħol sinfoniku li rebaħ it-tieni premju f'konkors internazzjonali li kien organizzat mis-Soċjetà Santa Cecilia ta' Bologna. It-Teatru Rjal kien esegwixxa s-sinfonija.

Huwa mitbugħ li Ġużeppi Abdilla kien imur u jidderieġi programmi mużikali matul festi ewlenin fi bliet u rħula minflok ħatnu s-Surmast Rikkardu Bugeja kull meta dan ta' l-aħħar kien ma jiflaħx, meta ibnu Ċensinu Bugeja kien għadu ġuvnott. Fis-26 ta' Diċembru 1923, Ġużeppi kien wieħed mill-membri eletti fil-Camera Degli Autori Compositori di Musica Maltese li kienet iffurmata minn mużikanti ewlenin f'Malta. Ġużeppi ħażżeż ismu f'invenzjoni mill-aktar merviljuża magħmula minn melodija li ssaħħar taħt l-isem ta' 'Tantum Ergo in Fa Minore', li hija bla ħsieb u rieb l-isbaħ fost il-mijiet li nkitbu bl-istess tematika u isem.

Ġużeppi Abdilla għen lil neputih Ċensinu fil-kompożizzjonijiet mużikali, l-iktar għaliex Ċensinu kellu jistinka biex iżomm mat-tradizzjoni tal-familja tiegħu. Jidher li Ċensinu sfrutta diversi xogħlijiet ta' Ġużeppi li ma kinux iffirmati bil-għan li tissaħħaħ il-Kappella Mużikali tal-Knisja Parrokkjali ta' San Duminku, il-Belt Valletta. Fl-1951, Robbie Mifsud Bonnici stqarr li huwa kien għadu jisma d-diwi tal-vuċi miksur ta' Ġużeppi jgħidlu 'Sur Mifsud Bonnici, ħsieb ewlieni tiegħi hu dak, li jien ngħaddi lin-neputi tiegħi Ċensinu kulma jien naf; xewqa tiegħi naraħ ma jagħmelx għajb lil nislu'.

Bla dubju ta' xejn, Ġużeppi Abdilla kien individwu mill-iktar timidu u ta' ftit kliem. Huwa kien reliġjuż u sinċier u dejjem fittex li jgħaddi għerfu u dehnu lill-istudenti tiegħu. Huwa kien għalliem li qatt ma fittex li jqarraq lil dawk li fittxew it-tagħlim tiegħu. Fil-25 ta' Diċembru 1929, huwa nkiteb bħala soċju fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa aħjar bħala l-MUSEUM, li kien waqqaf San Ġorġ Preca. L-abitudni tiegħu li jżomm lura milli jxandar ismu saħansitra fil-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu kienet tikkonforma mar-regoli tal-MUSEUM li kienu jesiġu umiltà u astinenza. Ġużeppi qatta' l-bqija ta' ħajtu jxandar il-kelma tal-Mulej u l-bxara t-tajba fil-Furjana, belt twelidu, u fi bnadi oħrajn ta' Malta u Għawdex. Fis-snin tletin, huwa kien għadu joqgħod fil-Furjana.

Ġużeppi Abdilla miet ġewwa Għawdex fil-11 ta' April 1941. Huwa kien mar joqgħod hemmhekk bħala refuġjat fil-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Il-volumi ta' l-imwiet lanqas biss semmew xi professjoni kellu. Skond Robbie Mifsud Bonnici, huwa miet f'Għawdex fl-1944 u fuqu reġgħu mxew kittieba oħrajn. L-ebda ġurnal ma ħabbar mewtu jew xandar nekroloġija tiegħu. Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija infurmat lill-membri tagħha li "Ġużeppi Abdilla mill-Qasam tal-Belt daħal qabilna fl-eternità. Ħu ħsieb li l-membri kollha u t-tfal skulari joffru l-quddiesa u t-tqarbina skond ir-Regoli, Segretarju Ġenerali, 13.4.1941".

**Bibliografija:**

Ulderico Rolandi. *Musica e Musicisti in Malta (Saggio Di Ricerche e Di Appunti Storici) Con illustrazioni fuori* Fuori Testo - *Edizioni dell' "Archivio Storico di Malta"* (Tipografia Raffaello Giusti, Livorno, 1932) Ch.IV, pagni 53, 60 u 112.

Robbie Mifsud Bonnici. *Mużiċisti Kompożituri, Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u Llum* (Giov. Muscat, Malta, 1951), paġni 16, 29 u 37.

Robbie Mifsud Bonnici. *Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku Nazzjonali* (Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Malta, 1960) paġna 3.

Harry Benjamin Formosa, *Dictionary of Maltese National Biographies, including foreigners connected with Malta or who died in and are barried in Malta* (Malta, 1958), in Rare Books and Archives Section, University of Malta, MSS. 262, paġna 12. Huwa b'mod żbaljat jagħti d-dati tat-twelid u l-mewt ta' Ġużeppi Abdilla Bħala '1886' u '1944' rispettivament.

Albert Storace f'Michael Schiavone *Maltese Biographies of the Twentieth Century* (PIN, Malta, 1997), paġna 1. Huwa b'mod żbaljat jagħti d-dati tat-twelid u l-mewt ta' Ġużeppi Abdilla bħala '1886' u '1944' rispettivament.

Joseph Vella Bondin *Il-Mużika Ta' Malta Fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (PIN, Malta, 2000), pagni 32-33,106, 120-121 u 123). Huwa f'paġna 106 b'mod żbaljat jagħti d-dati tat-twelid u l-mewt ta' Ġużeppi Abdilla bħala '1886' u '1944' rispettivament.

Ħajr speċjali lis-Sur Anthony Debattista mill-Floriana, Malta, għall-informazzjoni fuq Abdilla bħala soċju tal-MUSEUM.

© Id-drittijiet fuq il-kontenut ta' dan l-artiklu huma miżmuma minn Dr. Raymond Mangion u Każin Banda San Filep